# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 4547/2024/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Maria Newbould**

Illum 12 ta' Ġunju 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellata **Maria Newbould**, detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 62977(M), akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli bejn l-1 ta' Lulju 2024 sas-17 ta' Settembru 2024 ġewwa Triq San Xmun, Fgura:

1. mingħajr il-ħsieb li tisraq jew li tagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex teżerċita jedd li tippretendi li għandha, ġiegħlet bl-awtorita' tagħha nnifisha lil Etienne Newbould iħallas dejn

jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew fixklet lil Etienne Newbould fil-pussess ta' ħwejġu b'xi mod ieħor kontra l-liġi jew indaħlet fi ħwejjeġ ta' ħaddieħor bi ksur ta' Artikolu 85(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-24 ta' Marzu 2025 fejn il-Qorti sabet lill-imputata mhux ħatja u b'hekk illiberatha minn kull ħtija u piena.

Rat ir-Rikors tal-appellant Avukat Ġenerali ppreżentat fil-21 ta' April 2025 hekk kif korrett permezz ta' digriet mogħti minn din il-Qorti fit-2 ta' Ġunju 2025 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha **TĦASSAR U TIRREVOKA** s-sentenza qua appellata fejn l-Ewwel Qorti illiberat mill-imputazzjoni dedotta kontra Maria Newbould, u minflok tgħaddi biex issib ħtija u tinfiġġi piena skont il-liġi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellata eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fl-24 ta' Marzu 2025.

Illi l-fatti ta' dan il-każ huma pjuttost sempliċi. Huma jirrigwardaw allegat reat ta' *ragion fattasi*. Jidher li l-appellata u l-*parte civile* Etienne Newbould għaddejjin minn każ ta' separazzjoni. Preżentement il-*parte civile* mhux qed jgħix fid-dar matrimonjali u ġara li xi żmien ilu huwa tilef iċ-ċavetta tad-dar. Huwa talab kopja ta' din iċ-ċavetta lill-appellata iżda hija naqset milli tgħaddilu kopja tal-istess. Wara ċertu żmien il-*parte civile* ddeċieda li jagħmel rapport lill-Pulizija. Minn naħa tagħha l-appellata tgħid li hija ma għaddietx kopja taċ-ċavetta minħabba li l-*parte civile* naqas milli jħallas il-manteniment u tgħid ukoll li

kontra l-*parte civile* hemm Ordni ta' Protezzjoni *in vigore* u li għalhekk ma għandux aċċess għad-dar.

Illi qabel ma tidħol fil-mertu tal-appell intavolat mill-appellant Avukat Ġenerali, din il-Qorti tfakkar li fir-rwol tagħha ta' Qorti ta' reviżjoni hija ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti jekk mill-provi mressqa quddiem l-Ewwel Qorti hija setgħet tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. F'dan ir-rigward issir riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Marzu 2021 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Mario Abela** (Numru 22/2020) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "4. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet."

**Ikkunsidrat**

Illi fl-aggravju tiegħu l-appellant Avukat Ġenerali jisħaq li l-Ewwel Qorti bbażat id-deċiżjoni tagħha fuq interpretazzjoni żbaljata tal-liġi. Huwa jgħaddi sabiex jispjega l-erba' elementi neċessarji sabiex tinstab ħtija tar-reat ta' *ragion fattasi*. Huwa jirreferi għall-ewwel element ossia dak li jirrigwarda att estern spoljattiv tar-reat imsemmi u jispjega li f'dan il-każ l-appellata ma riditx tipprovdi ċavetta tad-dar matrimonjali lill-ko-propjetarju wara li l-*parte civile* kien talabha għal kopja minħabba li huwa kien tilef il-kopja tiegħu.

Illi fir-rigward tat-tieni element tar-reat ossia l-kredenza li l-att qiegħed isir b'eżerċizzju tad-dritt, l-appellant jispjega li meta l-appellata ġiet mitkellma mill-Pulizija hija spjegat li l-*parte civile* kellu l-istess ċavetta u li s-serratura kienet baqgħet l-istess. Hija spjegat li l-*parte civile* kellu Ordni ta' Protezzjoni kontra tiegħu bil-konsegwenza li ma setax jidħol fid-dar.

Illi l-appellant jgħaddi sabiex jispjega li t-tielet element tar-reat in kwistjoni ossia l-koxjenza fl-aġent li jieħu f'idu dak li huwa tal-awtorita' pubblika u jgħid li minflok li l-appellata rrikorriet għal awtorita' pubblika hija ħadet il-liġi b'idejha u spussessat il-*parte civile* mill-pussess tiegħu tal-fond. Itenni li l-pretensjoni tal-appellata li l-*parte civile* ma kellu l-ebda dritt fuq id-dar matrimonjali għaliex kien hemm Ordni ta' Protezzjoni maħruġ fil-konfront tiegħu kellha tiġi deċiża mill-awtorita' tal-Qorti. Jargumenta li fl-Ordni ta' Protezzjoni kien hemm numru ta' kundizzjonijiet iżda ma kienx hemm il-kundizzjoni li ma setgħax ikollu ċ-ċavetta tal-fond *de quo*. Jisħaq li ċ-ċavetta huwa simbolu tat-titolu legali tal-*parte civile* fiż-żwieġ bħala ko-propjetarju tal-fond matrimonjali u li tali titolu ma jistax jiġi mneħħi. Jispjega li minkejja li l-*parte civile* ma għandux pussess tad-dar matrimonjali għax ħareġ minnha, huwa xorta għandu l-pussess legali.

Illi fir-rigward tar-raba' element ossia li n-nuqqas ta' titolu jirrendi l-fatt aktar gravi, l-appellant jispjega li ħadd mill-partijiet ma allega li l-att tal-appellat jammonta għal reat aktar gravi.

Illi fis-sottomissjonijiet bil-fomm li nstemgħu minn din il-Qorti, il-konsulent legali tal-*parte civile* argumenta, fost l-oħrajn, li minkejja l-Ordni ta' Protezzjoni (li huwa jsostni li huwa temporanju), f'każ fejn l-appellata issiefer, huwa jkollu aċċess għad-dar in kwistjoni. Da parte tagħha, il-konsulent legali tal-appellata rrimarkat li wieħed irid jara jekk jirriżultawx l-elementi tar-reat in kwistjoni. Tkompli li ma kienx hemm ċaħda ta' tgawdija minħabba li l-*parte civile* ma kellux aċċess għal fond minħabba l-Ordni ta' Protezzjoni.

Illi din il-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tara jekk minn dak li jirriżulta mill-atti proċesswali l-Ewwel Qorti setgħetx issib lill-appellata ħatja tar-reat ta' *ragion fattasi* jew dak li jissejjaħ *"the exercise of a pretended right"* li hija ġiet akkużata bih.

Illi għandu jingħad li l-azzjoni bbażata fuq Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta hija speċi ta' żona griġja bejn il-kamp ċivili u dak kriminali tant li meta kien qed jiġi abbozzat il-

Kodiċi Penali Malti, Sir Andrew Jameson fir-Rapport tiegħu kien osserva s-segwenti:

> *"It is doubtful whether acts of this kind would not be better left to the operation of the ordinary civil remedies by way of interdict of or claim for damages..."* (Ara Prof. Sir Anthony Mamo – Notes on Criminal Law (1958 edit.), Parti Specjali – Vol. II).

Illi l-elementi tar-reat ta' *ragion fattasi* ġew miġbura fid-definizzjoni analitika mogħtija fl-14 ta' Ottubru 1944 fis-sentenza ta' l-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et** (Vol. XXXII – IV, p.768) u dawn jinkludu:

- l-ewwel element: att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li hija tgawdi, u li jkun sar bid-dissens espliċitu jew impliċitu ta' dik il-persuna;

- it-tieni element: l-aġent irid jemmen li qed jaġixxi bi dritt;

- it-tielet element: ix-xjenza tal-aġent li qed jieħu b'idejh ("*di privato braccio*") dak li suppost jieħu tramite l-proċess legali;

- ir-raba' element: l-att ma jinkwadrax ruħu f'reat aktar gravi.

Illi, kif dejjem ġie ritenut, element importanti kostituttiv ta' dan ir-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-aġir ta' dak li jkun irid ikun magħmul bil-ħsieb li hu qed jeżerċita dritt li jaħseb li għandu għad-distinzjoni mir-reati, per eżempju, ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' ħaddiehor. Għalhekk hemm bżonn li ssir indaġni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li kkommettiet dan ir-reat biex tagħmel dak li għamlet. L-element materjali invece jikkonsisti f'illi wieħed jippriva persuna oħra minn xi dritt fuq ħaġa li għandu t-tgawdija tagħha.

Illi r-reat ma jissussistix meta l-att materjali jikkonsisti fir-retenzjoni ta' pussess li dak li jkun diġa' ikollu. Hemm bżonn li jkun hemm att pożittiv li jippriva lit-terz jew ifixklu fil-pussess tal-

ħaġa għax kif jgħid **Carrara** (Prog. Parte Speciale, Vol. 5, para. 2850):

> *"L'atto esterno deve privare l'altro contro sua voglia di un bene che gode. Chi é nell'attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia; non delinque perché la legge protegge lo "stato quo", il quale non puó variarsi tranne per consenso degli interessati o per decreto della autoritá giudiziale."*

Illi fir-rigward tar-raba' element hawn fuq imsemmi għandu jingħad li n-nuqqas ta' titolu jirrendi l-fatt aktar gravi b'dan illi huwa suffiċjenti li jikkonkorru l-ewwel tliet elementi. Għall-finijiet tar-reat ta' *ragion fattasi* huwa biżżejjed xi forma ta' pussess.

Illi l-ġurisprudenza wkoll timxi mal-prinċipju li *"r-reat ta' ragion fattasi mhux meqjus bħala delitt kontra l-proprjeta' iżda bħala delitt kontra l-amministrazzjoni tal-ġustizzja u amministrazzjonijiet pubbliċi oħra."*[1] Għandu jingħad li Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta huwa ntiż biex dak li jkun ma jieħux il-liġi b'idejh.

Illi, kif ingħad aktar 'il fuq, l-ewwel element li jrid jiġi sodisfatt sabiex jirriżulta r-reat ta' *ragion fattasi* huwa li għandu jkun hemm att estern li jimpedixxi persuna mit-tgawdija ta' dritt li hija għandha. Dwar dan l-element din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Bernardette Vella** (Numru 190/2021), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "62. [...] Għal dak li jirrigwarda l-ewwel element, il-ġurisprudenza prevalenti tal-Qrati tagħna tabbraċċja d-definizzjoni ta' 'tgawdija' fis-sens wiesgħa ta' 'pussess sempliċi'. Il-Carmignani saħansitra jmur pass oltre għax jiddefinixxi dan il-'pussess' bħala wieħed attwali hekk kif il-kwerelant neċessarjament irid jipprova li fil-mument li seħħ l-att spoljattiv huwa kien qiegħed

[1] Ara **Il-Pulizija vs. Georgina Gauci** tas-7 ta' Jannar 1998, Qorti tal-Appell Kriminali.

jagħmel użu mill-ħaġa spoljata. Hekk per eżempju nsibu fil-kawża **Il-Pulizija vs. Joseph Bongailas** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-22 ta' Ottubru 2001:

> L-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali li jittratta dwar ir-*ragion fattasi*, bl-ewwel rekwiżit tiegħu, kjarament iqis bħal aġir kriminali kull att ta' xi ħadd li jfixkel lil xi ħaddieħor fil-pussess ta' xi ħaġa li qed igawdi. L-imsemmi artikolu, għalhekk, jittutela l-pussess tal-ħaġa u mhux neċessarjament ukoll il-proprjeta' tagħha. Il-kelma pussess, għalhekk, tinkludi l-użu jew tgawdija ta' dik il-ħaġa....Li hu importanti, ai fini ta' l-Artikolu 85 tal-Kap. 9, dejjem **riferibbilment għall-ewwel element kostituttiv tiegħu huwa jekk effettivament sa dik in-nhar li sar dan l-allegat att ta' spoll mill-appellant, kellhomx il-kwerelanti l-pussess, ossija l-użu u/jew it-tgawdija tal-fond in kwistjoni."**

Illi b'żieda ma' dak li għadu kemm ġie ċitat, li din il-Qorti tagħmlu tagħha peress li taqbel miegħu, għandu jingħad ukoll li mit-traskrizzjoni tad-depożizzjoni mogħtija mill-*parte civile* quddiem l-Ewwel Qorti jirriżulta s-segwenti (*a fol.* 18 *et seq.*):

> "Dr. Dennis Theuma:
> Tatek xi raġuni għalfejn ma tatekx iċ-ċavetta?
>
> Etienne Newbould:
> Le raġuni xejn, xejn bla raġuni ta' xejn jiġifieri. Jien ma għandiex interess nidħol ngħix hemm imma *at least* ikolli kopja taċ-ċavetta u jinqala' xi ħaġa emerġenza, tfal jew *maintenance* l-post, xi ġirien, ħsara u hekk fil-post jien responsabbli minnha dik il-prop,
>
> [...]

Dr. Dennis Theuma:
U naqblu Sur Newbould li inti qed tosserva eżattament skrupložament id-digriet?

Etienne Newbould:
Eżatt.

Dr. Dennis Theuma:
Il-*Protection Order* u mhux qed tersaq l'hemm?

Etienne Newbould:
Hekk hu. Hekk hu."

Illi minn dan ċitat hawn fuq jirriżulta ben ċar li l-*parte civile* ma kellux it-tgawdija tal-fond *de quo* u lanqas huwa nteressat f'tali tgawdija. Għaldaqstant isegwi li l-ewwel element tar-reat ta' *ragion fattasi* ma jirriżultax. Għal kull buon fini din il-Qorti tissottolinea li mhux qed tgħid li l-*parte civile* ma għandux jedd ċivili għaċ-ċavetta iżda din il-Qorti hija Qorti ta' kompetenza kriminali u r-rwol tagħha huwa dak li tara jekk l-appellata wettqitx ir-reat addebitat lilha.

Illi minħabba li jirriżulta li l-*parte civile* ma kellux it-tgawdija tal-fond in kwistjoni, b'hekk l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha. In vista tal-fatt li l-ewwel element tar-reat in kwistjoni ma jirriżultax, ma hemmx il-ħtieġa li din il-Qorti tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-elementi l-oħra b'dana illi l-aggravju in eżami qed jiġi miċħud.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Avukat Ġenerali u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**